# Il-Każini tal-Baned f'Soċjetà Maltija



**Daniel Vella**
**Preżentatur Marċifest Radju Malta**

Il-każini tal-baned f'pajjiżna għandhom rabta kbira mal-festi tradizzjonali li jsiru f'lokalitajiet fi gżiritna. Dawn igawdu l-apoġġ u popolarità tas-Soċjetà Maltija. It-twaqqif tagħhom beda madwar 150 sena ilu. Kienu grupp ta' mużiċisti li kienu jinkrew biex jallegraw f'okkażjonijiet partikolari – dawn baqgħu magħrufin popolarment bħala l-banda ta' Indri.



Tajjeb insemmi li l-proprja każini tal-baned ma kienux jeżistu fil-bidu. Dak iż-żmien fil-gżejjer tagħna lejn nofs is-seklu 18 permezz tal-miġja ta' numru ta' refuġjati taljani fostna, welldu fina l-ideat ġodda li kienu jinfirxu f'diversi oqsma kemm edukattivi kif ukoll kulturali. Mal-waqfien tagħhom, il-każini tal-baned saru soċjetajiet sekolari importanti fl-ibliet u fl-irħula tagħna. Dan jixhed it-tgħalim tal-mużika kif ukoll dak kulturali mal-irħula rispettivi tagħhom kif ukoll l-għażla sabiħa ta' attivitajiet li jsiru matul is-sena kollha apparti l-festa li hija l-attività prinċipali annwali ta' kull soċjetà.

Mhemmx dubju li l-involviment u l-impenn kemm dak mużikali kif ukoll kulturali huwa wieħed kbir. Hawn insemmi l-kunċerti sinfoniċi, vokali u strumentali li jsiru f'diversi swali u teatri, fejn tindaqq bosta mużika impenjattiva. Il-bosta wirijiet li jsiru fl-istess każini b'mod speċjali fi żmien il-Milied kif ukoll fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Hawn il-ħidma kordinata ta' bosta kumitati, fergħat u kummissjonijiet imwaqfin fi ħdan l-istess kumitati ċentrali li jmexxu l-każini tal-baned f'pajjiżna.

Sallum f'Malta u Għawdex insibu madwar 91 Għaqda Mużikali li 80 minnhom huma f' Malta u 11 jinstabu mxerrda madwar il-lokalitajiet tal-gżira Għawdxija. F'numru kbir ta' rħula nsibu żewġ każini tal-baned imwaqqfin fl-istess raħal jew belt, bħal per eżempju l-Mosta, Naxxar, San Ġiljan, Mellieħa, il-Birgu, iż-Żejtun, Qrendi, Ħal-Għaxaq, Ħal-Balzan, il-Belt Valletta u fir-Rabat Għawdex. F'ċerti lokalitajiet oħra nsibu wkoll it-twaqqif ta' tlett każini u dawn huma fil-Hamrun, tas-Sliema, Ħal-Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Raħal Ġdid u fir-raħal ta' Birkirkara. Dawn huma ftit mill-ħafna lokalitajiet li fihom insibu xi twaqqif ta' xi għaqda tal-banda.

Aspett sabiħ ukoll fil-qasam tal-baned f'pajjiżna huwa l-kultura melodjuża tal-ħoss ċelebri tal-marċi li huma wkoll parti mill-kultura tal-festi Maltin u Għawdxin. Il-ħoss tal-banda toħroġ żiffa ħelwa u tradizzjonali tal-veru marċ Malti, u hawn insibu bosta surmastrijiet li mal-medda taż-żmien kitbu marċi mill-isbaħ u ħafna minnhom għadhom anke popolari sallum il-ġurnata, fosthom il-Maġġur Anthony Aquilina s-surmast tal-marċi Maltin, Vincenzo Ciappara r-re tal-marċi Maltin, Wigi Bongailas il-prinċep tal-marċi Maltin kif ukoll surmastrijiet oħra bħal Mro. Andrew Coleiro, David Aguis, Archibald Mizzi, Ronnie Pisani u ħafna u ħafna oħrajn. Tajjeb hawnhekk ukoll insemmi ftit mis-surmastrijiet oħra li għalkemm illum m'għadhomx magħna iżda xorta huma wkoll ħallew timbru sabiħ fil-kitba tal-marċi brijużi. Hawn insemmi lil Mro Salvino Fabri, Joseph Abela Scolaro, Ġużeppi M. Barbara, Hector Dalli, Emanuel Buġeja u Ġużeppi Azzopardi.

La qiegħed insemmi l-marċi brijużi nsemmi wkoll il-ħoss kiebi tal-marċ funebri. Hawnhekk insibu barra għażla ta' kompożizzjonijiet ta' Surmastrijiet Maltin bħall-Mro Raymond Sciberras, Ġużeppi Stivala, Sunny Galea, Abel Joseph Mizzi kif ukoll insemmi diversi oħrajn li huma Surmastrijiet barranin li ħafna minnhom dawn ukoll huma parti minn stejjer tal-baned Maltin, fost dawn żewġ surmastrijiet li għandhom stil li jispikka ħafna fil-qasam tal-marċi funebri b'mod partikolari fi żmien il-ġimgħa l-kbira u qed nirreferi għall-Mro Angelo Melilli u Mro Giovanni Giumarra.



Barra l-marċi brijużi u l-marċi funebri, il-baned minn żmien għal żmien fir-repertorju tagħhom idoqqu wkoll l-inijiet proċessjonali, il-Valz tal-Għid, innijiet Marjani u l-inijiet tal-Milied. Fil-fehma tiegħi u ta' ammiraturi tal-baned Maltin, l-Għaqdiet tal-Mużika f'pajjiżna huma l-benniena tal-kultura tal-mużika Maltija. Infatti grazzi għal din il-kultura Mużikali ġewwa l-każini tal-baned tagħna naraw li maż-żminijiet ħarġu diversi mużiċisti u surmastrijiet li għamlu isem kemm f'pajjiżna kif ukoll barra minn xtutna. Tajjeb li wieħed jgħid li l-każini tal-baned huma wkoll post tajjeb ta' rikrejazzjoni, diskussjoni kif ukoll laqghat soċjali.

Il-baned tagħna għandhom importanza kbira fiż-żamma ta' tradizzjonijiet festivi tagħna l-Maltin, iservu t'allegrija, ferħ u attrazzjoni anke fil-qasam turistiku.

Jien biex nikkonkludi dan l-artiklu tiegħi tal-baned Maltin fis-soċjetà tal-qalba ta' pajjiżna, nawgura lill-każini tal-baned biex ikomplu jgħarfu jkunu konxji sew taż-żminijiet li qegħdin fihom permezz tas-sehem sħiħ fl-edukazzjoni.

Il-Festa t-tajba...